

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-8 ta' Diċembru 2014 – Cwik vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-4/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni — Proċedura ta' evalwazzjoni 1995/1997 — Eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni — Assenza ta' referiment lill-Kumitat konġunt tal-evalwazzjonijiet — Dewmien li bih twettqet ir-redazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni — Rikors għad-danni)

(2015/C 026/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Michael Cwik (Tervuren, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu mill-1995 sal-1997 u talba għad-danni.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2012 li tirrigwarda redazzjoni definittiva tar-rapport il-ġdid ta' evalwazzjoni ta' M. Cwik għall-proċedura ta' evalwazzjoni 1995/1997 hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas M. Cwik is-somma ta' EUR 15 000 bħala kumpens għad-dannu morali subit.
- 3) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbatl l-ispejjeż esposti minn M. Cwik.

⁽¹⁾ ĠU C 108, 13.04.2013, p. 38.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Diċembru 2014 – DG vs ENISA

(Kawża F-109/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Rixissjoni ta' kuntratt — Assenza ta' motivazzjoni — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura ta' evalwazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni)

(2015/C 026/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: DG (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)